**48. Il-Viċi Prim Ministru u Ministru għall-Politika Soċjali**:-

Illi matul din il-Leġislatura, il-votazzjonijiet kollha li jintalbu għat-tenur ta' Ordni Permanenti Nru 83 għandhom jittieħdu fid-9.00 p.m. jekk is-seduta tkun fil-għaxija u f'nofsinhar jekk is-seduta tkun fil-għodu, b'dan illi f'dak il-ħin min ikun qed jippresjedi jerġa' jqiegħed il-mistoqsija u jekk tintalab votazzjoni, is-seduta tkun sospiża għal 20 minuta; meta s-seduta terġa' tibda wara dik is-sospensjoni, terġa' titqiegħed il-mistoqsija u jekk mill-ġdid tintalab votazzjoni, din tittieħed immedjatament;

B'dan ukoll illi mistoqsijiet konsegwenzjali għar-riżultat ta' dik il-votazzjoni, ikunu jistgħu jitqiegħdu immedjatament wara u jekk jintalbu votazzjonijiet dwarhom, dawn jittieħdu bl-istess mod, sakemm il-Kamra ma tiddeċidix xort' oħra.

Il-ħin li jittieħed għal dawn il-votazzjonijiet jiżdied mal-ħin ta' l-interruzzjoni tax-xogħol.

9.6.03